# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 118/2007 SG**

**Joseph u Dolores konjuġi Vassallo**

**vs**

**Anthony u Maria konjuġi Attard**

**Illum it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' l-atturi ppreżentat fit-18 ta' Ottubru 2007 li fih ġie premess u mitlub:

*"1. Illi l-attrici Dolores Vassallo kienet hatret lil konvenut Anthony Attard permezz ta' prokura sabiex jidher fuq kuntratt ta' trasferiment ta' diversi propjetajiet parafernali provenjenti mil-genituri tal-istess Dolores Vassallo fl-atti tan-Nutar Josianne Mifsud;*

*2. Illi mil-bejgh ta' propjetà parafernali minnhom, l-attrici Dolores Vassallo irceviet is-somma ta' ghaxart elef u sitta u sebghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm10076.54), liema bilanc ircevietu fl-elfejn u hamsa (2005);*

*3. Illi permezz tal-iskrittura datata il-hamsa (5) ta' April elfejn u hamsa (2005), 1-istess Dolores Vassallo selfet lil Anthony Attard dan il-bilanc ta' ghaxart elef u sitta u sebghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm10076.54) bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) fis-sena;*

4. *Illi ghalkemm talbet li tintrad lura dan il-bilanc fis-sajf tal-2006, l-konvenut Anthony Attard baqa inadempjenti billi qalilha illi dan l-ammont kien ser jibghathom ftit ftit lil attrici sabiex ma tehilx taxxa u ghalkemm opponiet u qaltlu illi li hija ma ghandhiex problema thallas taxxa, hu baqa' ma rritornax dan l-bilanc;*

5. *Illi peress illi il-bilanc kien ghadu f'idejn Anthony Attard u wkoll ghaliex kellhom ix-xewqa, l-atturi ghamlu l-hsieb illi jakkwistaw appartament hawn Ghawdex liema appartament kellu jithallas in parte mil-bilanc u l-imghaxijiet li sa dak iz zmien kienu f'idejn il-konvenut. Illi ghalhekk matul il-btala taghhom hawn Ghawdex fis-sajf tal-elfejn u sitta (2006), l-atturi ghaddew elf lira flus (Lm1000) kontanti u elf lira u erba' mitt lira (Lm1400) flus kontanti kif ukoll tmenin Lira u sena, tlieta u hamsin centezmu (Lm80.53) fit-tlettax u s-sittax ta' Gunju 2006 rispettivament, bl-iskop illi dawn jigu depozitati il-bank, fejn bassru illi qeghdin il-flus l-ohrajn;*

6. *Illi f'Ottubru tal-elfejn u sitta (2006), l-attrici irceviet is-somma ta' sebat elef u erbgha mitt lira (Lm7400) minn bejgh ta' propjetà parafernali, liema post kien maghruf bhala 'l post ta' gewwa, u dan il-bilanc ukoll ghaddietu lil konvenut, bl-istess skop.*

7. *Illi permezz ta' prokura specjali iffirmat quddiem in-Nutar Dr. Josianne Mifsud datata il-hdax 11 ta' Settembru 2006, il-konjugi Vassallo espressivament hatru lil konvenut Anthony Attard sabiex jixtri u jakkwista l-appartament numru tmienja (8) formanti parti minn blokk ta' appartamenti fi Triq in-Nahla, Marsalforn, limiti taz-Zebbug Ghawdex, liema appartament kienu raw;*

8. *Illi ir-rikorrenti siefru lejn l-Awstralja dakinhar, u kienu tal-fehma illi l-appartament kellu jinxtara versu il-prezz ta' tnejn u erbghin elf lira Maltin (Lm42,000), izda dan kif kien miftiehem bil-fomm ma' Anthony Attard li kien qed jiehu hsieb in-negozjati hu. Huma kienu provaw jinnegozzjaw sabiex jixtru l appartiment versu l-prezz ta' erbghin elf lira (Lm40,000) tramite Anthony Attard, izda dan ta' l-ahhar qalilhom illi min kien qed ibiegh ma kienx interessat li jnaqqas il-bilanc. L-konvenut qalilhom ukoll illi fuq il-kuntratt kien ser jidher bilanc iehor u l-atturi opponew bil-qawwa ghal dan il-fatt izda huwa insista li ha jiehu hsieb kollox hu;*

9. *Ir-rikorrenti qatt ma kienu prezenti personalment ghal-ebda konvenju, kuntratt jew ftehim iehor u ghalkemm talbu lil Anthony Attard sabiex jibghat id dokumenti kollha relattivi permezz ta' diversi telefonati, izda huwa filwaqt li kien jassigurahom illi kollox kien sew u kellu c-cavetta f'idejh, dejjem baqa inadempjenti;*

10. *Illi l-attur bghatu somma ohra ta' madwar tmenin elf Dollaru Awstraljan pari ghal ghoxrin elf u tliet mitt lira Maltin (Lm20,300) permezz ta' bank transfer fis-26 ta' Marzu 2007 sabiex ikun jista' jigi konkluz il-bejgh.*

11. *Illi l-konjugi Vassallo kien tal-fehma li ghad fadlilhom bilanc iehor x'jibghatu u fil-fatt hargu bilanc minn fixed deposit u hallew dan il-flus lesti ghad dispozizzjoni taghhom, minghajr il-fakoltà li jaghmlu l-imghax biex jibghatuhom lil Anthony Attard meta jitlobomlhom. Izda ghalkemm huma cemplulu diversi drabi u anke ghamlu diversi kuntatti man-Nutara Josianne, l-konvenut Anthony Attard dejjem baqa jsostni illi kollox kien sew, u meta mitlub biex jibghat id-dokumenti kollha relattivi, kien dejjem jghid, issa nibghathom.*

12. *Illi ir-rikorrenti kienu tal-fehma illi l-kuntratt finali kellu jsir mhux aktar tard mil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2007 u li fil-fatt sar, ghaliexwara li l-attrici Dolores Vassallo ikkumunikat man-Nutar Dottor Josianne Mifsud, din assigurata illi l-flat kien jghajjat lilhom.*

13. *Illi fis-sajf tal-2007, gie Ghawdex iben il-konjugi Vassallo, Leli, u fil-fatt l-konvenut tah ic-cwievet tal-flat fejn imbaghad mar jghix, u ghalhekk l-atturi kienu tal-fehma illi kollox kien konkluz.*

14. *Izda fl-ahhar ta' Gunju 2007, binhom Leli habtulu l-bieb tal-flat xi nies u qalulu biex johrog minn hemm ghaliex il-kuntratt tal-bejgh li kellu jsir, min kien ser jixtri ma resaqx ghal bejgh u ghalhekk ma kienx hemm kuntratt;*

15. *Illi ixxukjat u konfuz mhux bi ftit, dan Leli avvicina lil Anthony Attard li beda gej b'hafna skuzi. Iben l-atturi ikkuntatjhom u qalilhom b'li kien gara u fil-fatt inbdew proceduri ta' natura kriminali mal-Pulizija u fil-Qorti Kriminali fil konfront ta' Anthony Attard wara li ma tahom l-ebda soddizfazzjon ta' x'gara mil-kuntratt u mil-flus;*

16. *Wara irrizulta illi kien fil-fatt Anthony Attard illi ma resaqx ghal-kuntratt ta' xiri u halla z-zmien tal-konvenju jghaddi inutilment ghad-detriment tal-konjugi Vassallo u ghalhekk it-trasferiment ma sarx unikament u esklussivament tort tieghu;*

17. *Illi Anthony Attard, ghalkhemm illum l-mandat tieghu spicca in visto tal-fatt illi huwa ma jistax jakkwista il-fond deskritt fil-prokura, qatt ma ta rendikont tal-amministrazzjoni tieghu;*

18. *Illi mitlubin verbalment kemm-il darba, kemm da parti tal-atturi kif ukoll mil-Pulizija u formalment permezz ta' ittra ufficjali 129/2007 datata it-12 ta' Settembru 2007 sabiex l-konvenuti iroddu lura il-bilanc fdat lilhom, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

19. *Illi l-atturi kellhom jigu mil-Awstralja u sofrew spejjez kif ser jigi spjegat fil-kawza sabiex jipprovaw jigbru hwejjighom.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna lil-konvenut Anthony Attard jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu;*

2. *Tordna lil konvenut irodd il-bilanc kollu li inghata lilu, bl-imghaxijiet dekorribbli mid lata illi gew trasferiti lilu bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%);*

3. *Tiddikjara illi l-konvenuti responsabbli ghal fatt illi ma sarx il-kuntratt sa l-ahhar ta' Mejju 2006;*

4. *Tillikwida id-danni ikkagunati mil-agir irresponsabbli u frawdalenti tal-konvenuti u ikkundanna l-konvenuti ihallsu id-danni kollha hekk likwidati.*

5. *Bl-ispejjez u l-imghaxijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 129/2007, dekorribbli skond l-ligi."*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti tas-7 ta' Diċembru 2007 li fih ġie eċċepit li:

*"1. Illi kull negozju u transazzjoni msemmija mill-atturi fir-Rikors Guramentat taghhom, sar minn Anthony Attard bhala mandatarju tal konjugi Vassallo u dan stante illi huwa nghata prokura specjali mill atturi liema prokura saret fl-atti tan-Nutar Josianne Mifsud datata hdax (11) ta' Settembru 2006;*

*2. Illi meta l-esponenti ghamel konvenju sabiex jakkwista appartament f'isem l-atturi, dan ghamlu fil-parametri tal-awtorita' moghtija lilu mill atturi permezz tal-prokura hawn fuq imsemmija kif ukoll skond struzzjonijiet specifici moghtija lillu mill-atturi stess;*

*3. Illi r-raba' talba tal-atturi ma tistax tigi milqugha minn din l-Onorabbli Qorti stante illi l-konvenju ghall-akkwist tal-appartament f' Marsalforn ghandu validu u dwar l-istess konvenju hemm kawza pendenti.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat l-atti ta' din il-kawża, inkluż id-dokumenti kollha u d-dokumentazzjoni relevanti mill-proċess kriminali Pulizija vs Anthony Attard li ġew eżebiti.

Rat li din il-kawża tinsab differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Xhieda mismugħa fl-atti ta' din il-kawża</u>**

**Anthony Attard** xehed fis-7 ta' Frar 2014 fejn spjega li ċ-ċedola ta' depożitu li saret f'Novembru 2013 saret fil-konfront tal-konjuġi Vassallo. Sostna li sa minn qabel ta' din

il-kawża, huwa ma kellux problema li dawn il-flus jiġu mgħoddija lil Vassallo. Sostna li huwa ried jagħtihom lill-avukata ta' Vassallo ġimgħa qabel ma' sar il-kuntratt. Sostna li l-istess avukata kienet qed tidher għax-xerrej u issa qed tidher għall-bejjiegħ ukoll. Spjega li huwa ried jagħti l-flus qabel ma' sar il-kuntratt. Il-kuntratt ma sarx għax ma attendietx l-avukata. Imbagħad it-tnejn ta' wara, huwa spjega li ċempel lis-sid u qallu int xi trid il-flus. Spjega li lis-sid qalet li kellha titkompla l-proċedura u huwa mexa ma' dik ix-xewqa. Spjega li huwa offra l-flus lit-tifel tagħha għal darba, tnejn u tlieta u dawn qatt ma aċċettawhom. Spjega li meta nfetħet il-kawża, huwa kien infurmahom li l-ewwel tinqata' l-proċedura tal-kriminal u mbagħad ikun lest li jagħtihom il-flus.

Sostna li l-konjuġi Vassallo kienu rrifjutaw il-flus fuq it-telefon u anke tramite t-tifel tagħhom. Sostna li qabel ma' għamel din iċ-ċedola, huwa ma setax joffri l-flus mill-ġdid għax kienet ġia' nfetħet din il-kawża.

F'affidavit, Anthony Attard spjega li l-atturi kienu kellmuh fejn infurmawh li xtaqu jsibu appartament f'Għawdex. Spjega li huwa kien urihom appartament f'Marsalforn f' Settembru 2006. Spjega li wara li rawh, baqgħu sejrin għand in-Nutar Josianne Mifsud fejn saret prokura mill-konjuġi Vassallo a favur tiegħu biex jixtri dan l-appartament f' isimhom. Din il-prokura għadha ma ġietx imħassra għaliex qatt ma rċieva ittra uffiċjali f' dan is-sens. Spjega li huwa kien ilu jafhom lil konjuġi Vassallo u ġieli deher għalihom bi prokura f' bejgħ ta' dar ta' xi eredita li kellhom. Spjega li huwa obda l-ordni li tawhom. Il-post kien jappartjeni lil nies li kienu jgħixu l-Awstralja u kienu rappreżentanti minn Dr Angele Formosa. Kien sar konvenju ma' ċerta Karen Zammit u oħrajn fejn sar ftehim li dan l-konvenju jiġi ċedut u trasferit fuq il-konjuġi Vassallo. Iċ-ċessjoni ġiet iffirmata quddiem in-Nutar Josianne Mifsud f' Diċembru 2006. F' Marzu 2007, il-konjuġi Vassallo li kienu ħallew xi flus għandu biex ikun jista' jużahom fix-xiri ta' dan l-appartament, reġgħu bagħtulu ammont ieħor ta' flus. Spjega li n-nutar Mifsud infurmatu li l-kuntartt kien ser isir min-Nutar Maria Vella Magro u huwa kien tkellem magħha. Spjega li n-nutar Vella Magro talbet li jkollha kopja tal-passaporti tal-konjuġi Vassallo iżda dawn bagħtu kopja ħażina.

Kompla jgħid li l- konjuġi Vassallo nfurmawh li kien ġej binhom mis-safar u kien ser iġib il-kopji hu. Huwa ċempel lil bin il-konjuġi Vassallo meta kien Malta u ġabar il-kopji tal-passaporti. Il-konvejnu kien jagħlaq f' Mejju 2007 u ġie mġedded sa l-aħħar ta' Ġunju. Spjega li huwa kien ser ikun imsiefer u għalhekk ltaqa' ma' Dr Angele Formosa fejn offrilha li jagħtiha l-flus kollha dakinhar stess u l-kuntratt isir fit-2 ta' Lulju 2007. Spjega li Formosa rrifjutat u qaltlu li hija disposta tagħmel il-kuntratt is-Sibt ta' wara meta huwa jkun irritorna lura mis-safar. Spjega li peress li mal-konvenju kienet ġia' ngħatat iċ-ċavetta tal-appartament, huwa għadda ċ-ċavetta lit-tifel u qallu li jista' jmur joqgħod ġo fih peress li l-kuntratt kien ser isir is-Sibt 30 ta' Ġunju 2007. Spjegat li fil-frattemp Dr Formosa fit-28 ta' Ġunju 2007 saret taf li hemm xi ħadd fil-flat u bagħtet lil terzi persuni u ċioe' lil Joe Sultana biex ikeċċi lil dan 'il barra mill-appartament. Spjega

li dan kien mar għand il-mara tiegħu li kienet ċemplitlu u huwa kien informa lil bin il-konjuġi Vassallo li l-konvenju kien għadu validu. Spjega li dan kien mar joqgħod ma' Josephine Azzopardi fix-Xagħra. Ftit ħin wara, huwa spjega li Joe Sultana kien mar għand Josephine Azzopardi, skuża ruħu ma' bin il-konjuġi Vassallo u kien qallu li Dr Formosa kienet lesta f' isem il-vendituri li ma tersaqx għall-kuntratt imbagħad wara li jaqa' l-konvenju, il-proprjeta' tinbiegħ direttament lilu. Spjega li malli rritorna mis-safar, huwa beda jċempel lil Dr Angele Formosa mingħajr suċċess. Spjega li dan għamel diversi tentattivi biex ikellem lil Dr Formosa iżda fl-aħħar kellu jitlob il-ftuħ tar-reġistru tal-Qorti sabiex jiġi salvagwardjat il-konvenju u l-interessi tal-konjuġi Vassallo. Spjega li iben il-konjuġi Vassallo kien kellmu fit-30 ta' Ġunju u kien qallu li l-avukata kienet miġnuna għaliex ma jafx kif riedu li jerġgħu jbiegħu l-appartament lilu meta dan suppost ġia nxtara.

Qal li t-tnejn filgħodu ċempel lil konjuġi Vassallo u nfurmahom li Dr Formosa ma kinitx resqet għal kuntratt u x' riedu li jsir jekk kellux jagħtihom il-flus lura jew ikompli bil-proċeduri biex isir il-kuntratt finali. Ikkonferma li Dolores Vassallo sostniet li kellha titkompla l-proċedura biex jinxtara. Huwa kien mar fl-uffiċċju ta' Dr Formosa u nfurmaha b' dan fejn Dr Formosa qalet li kienet ħadet għaliha li rċeviet ittra uffiċjali u li ser tieħu parir mingħand il-vendituri. Spjega li l-Ħamis ta' wara, Dr Formosa bagħtitlu messaġġ li s-sidien ma riedux ftehim amikevoli. Huwa għalhekk kompla bil-kawża ċivili biex isir il-kuntratt. Spjega li safrattant Dr Angele Formosa kellha laqgħa mat-tifel tal-konjuġi Vassallo, Emanuel Vassallo u dan kien mar id-depot fejn għamel rapport mal-Fraud Squad kontra tiegħu. Spjega li ġie mitlub imur id-Depot. Spjega li dakinhar huwa qal lil Emanuel Vassallo u l-qarib tiegħu li kien lest jgħaddi l-flus lura imbasta jinqatgħu l-ispejjeż relattivi. Spjega li Emanuel Vassallo rrifjuta.

Spjega li peress li l-uffiċjali tal-Pulizija Malta ma sabux li kien hemm xi każ, intbagħtet kwerela oħra Għawdex u ġie mitlub imur l-għassa tar-Rabat Għawdex. Spjega li huwa ġie mhedded, arrestat u saret tfittxija fid-dar. Spjega li nbdew proċeduri kriminali kontra tiegħu u fil-21 ta' Marzu 2013, huwa ġie liberat minn kull akkuża fil-konfront tiegħu. Sostna li l-konjuġi Vassallo nkarigaw lil Dr Angele Formosa u tul il-proċess xehdet Dolores Vassallo li qalet li hi qatt ma talbitu l-flus. Spjega li meta kienu Għawdex, saret laqgħa fl-uffiċju ta' Dr Angele Formosa fejn huwa kien assistit minn Dr Chris Said u kien offra li jagħtihom il-flus dakinhar kemm-il darba jħallsu l-ispejjeż kollha li saru f' isimhom, jirtiraw il-proċeduri kriminali u jagħmlu stqarrija pubblika biex ipattu għal malafama li saret. Spjega li s-Sinjura Vassallo kellha tagħtih risposta dwar dan, iżda minflok irċieva l-kawża odjerna.

Spjega li fuq parir tal-avukat tiegħu huwa ddepożita l-flus li huma tal-konjuġi Vassallo. Huwa ried li l-flus jgħaddu b' mod sigur u ma riedx jafdahom f' idejn Dr Formosa. Qal li huwa ddepożita dan mingħajr preġudizzju għall-andament tal-kawża. Jaf li kien hemm spejjeż addizzjonali marbuta ma' din iċ-ċedola iżda ma kellux triq oħra. Huwa ppreżenta

lista ta' l-ispejjeż li saru u li kellhom jinqatgħu mis-somma li għadda lil Vassallo permezz taċ-ċedola ta' depożitu. Ippreċiża li martu ma kellha x' taqsam xejn ħlief meta ċemplitlu meta kien imsiefer.

In kontroeżami, huwa nsista li ma jafx għalfejn saret din il-kawża għaliex huwa dejjem kien lest li jagħti l-flus lura. Mistoqsi jekk l-kawża Kevin Zammit vs Dottor Formosa noe li kienet tirrigwarda dan il-konvenju ġietx deċiza fl-20 ta' Jannar 2009, huwa baqa' jsostni li huwa dejjem aġixxa skont it-talba ta' Vassallo. Huwa qabel li kien irċieva ittra uffiċjali fejn intalab jirritorna l-flus. Huwa sostna li ma jafx jekk weġibx jew le għal dik l-ittra uffiċjali interpellatorja. Baqa' jinsisti li huwa dejjem ried jagħti lura l-flus. Spjega li ċ-ċedola saret peress li huwa ried l-iktar mod sigur kif jgħaddu l-flus. Sostna li meta saret iċ-ċessjoni, huwa ħallas erbat elef. Spjega li kien hemm spejjeż legali meta saret il-kawża kriminali kontra tiegħu.

F'affidavit ieħor, il-konvenut reġa' kkonferma l-kontenut tal-affidavit preċedenti tiegħu. Spjega li kien sar ċessjoni fuq konvenju li kien sar ma' terzi fuq dan l-appartament li kienu riedu jixtru l-konjuġi Vassallo. Dan sar fuq struzzjonijiet tal-konjuġi Vassallo li kienu ġew infurmati bid-dettalji kollha. Iċ-ċessjoni kienet saret mal-kumpraturi oriġinali li kien qed iċedu lil konjuġi Vassallo d-drittijiet tagħhom li jixtru dan l-appartament mingħand il-vendituri li kienu nies residenti fl-Awstralja u rappreżentati minn Dr Angele Formosa. Fuq din iċ-ċessjoni, huwa ħallas id-depożitu akkont tal-prezz u ċioe' €9317 (Lm4000) mentri l-valur taċ-ċessjoni kienet €2329 (Lm1000). Dawn il-flejjes inħarġu mill-bilanċ ta' flus li kellu f' idejh tal-konjuġi Vassallo biex jixtri l-appartament f' isimhom.

Spjega li f' Marzu 2007 Vassallo bagħtulu somma flus sostanzjali li kienu ġo *fixed account*. Apparti dan l-ammont li kien intbagħat, il-konjuġi Vassallo kellhom jibgħatu bilanċ ieħor ta' flus biex jinxtara l-appartament. Dan l-aħħar bilanċ qatt ma ntbagħat lilu u l-ftehim kien li fuq il-kuntratt, id-differenza kienet ser titħallas minnu u mbagħad jirrimborżawh. Il-konvenju/ċessjoni kellhu jiġi estiż sa l-aħħar ta' Ġunju 2007 minħabba xi informazzjoni li kienet intalbet lill-konjuġi Vassallo. Huwa kien dejjem lest li jidher għal kuntratt iżda l-kuntratt finali qatt ma sar.

Spjega li wara li huwa mexxa b' kawża l-qorti biex jiġi nfurzat il-bejgħ mill-vendituri, il-konjuġi Vassallo bdew proċeduri kriminali kontra tiegħu. Huwa ġie liberat fil-21 ta' Marzu 2013. Tul il-mori tal-kawża kriminali huwa offra kemm-il darba lil konjuġi Vassallo biex jirritorna l-flus li kien baqa' basta jċedu l-akkużi. Sussegwentement, huwa ppreżenta ċedola ta' depożitu numru 337/2013. Sostna li l-ispejjeż li għamel u li nefaq mill-flus tal-konjuġi Vassallo kienu mertu ta' transazzjonijiet li huwa seta' jagħmel permezz tal-prokura li kellu u kif ukoll bl-approvazzjoni kontinwa tagħhom. Sostna li x-xogħol tiegħu bħala mandatarju wettqu mingħajr rimunerazzjoni u ma għandux ibati

spejjeż żejda ta' flus li ma setax jirkupra lura meta ma sarx il-kuntratt ta' bejgħ tal-appartament.

In kontroeżami, huwa spjega li ma jiftakarx jekk qattx bgħatt kopja tal-konvenju bejn Noel Camilleri u Suzanne Zammit fuq naħa u Kevin Zammit fuq naħa oħra, iżda l-konjuġi Vassallo kienu dejjem infurmati. Sostna li dawn raw il-post, raw kollox u marru għand in-nutara biex jagħmlu prokura. Sostna li saret iċ-ċessjoni u rreġistrata u t-taxxa kollha mħallsa fuqha. Il-prokura saret fil-11 ta' Settemrbu 2006. Mistoqsi jekk il-konvenji waqgħux b' sentenza tal-Qorti, huwa sostna li għaliex ma kinitx marret tiffirma l-avukat Angele Formosa. Sostna li huwa kien lest li jagħmel il-konvenju iżda Dr Formosa ma ressqitx għall-iffirmar. Insista li l-konjuġi Vassallo dejjem kienu nfurmati b' dak li kien għaddej. Sostna li huwa jafu lil Kevin Zammit u qatt ma għamel negozju miegħu qabel. Spjega li jista' jkun li Kevin Zammit kien imdaħħal ukoll f' negozju li l-konjuġi Vassallo kellhom tal-wirt tagħhom, meta Vassallo tagħtu għaxart elef lira. Mistoqsi kif fil-konvenju hemm imniżżel li l-prezz huwa tletin elf lira Maltin u huwa kien qal lil Vassallo li l-prezz huwa ta' erbgħin elf lira, huwa sostna li ma jiftakarx id-dettalji għaliex Vassallo kienu kuntenti b' kull pass li kien qed isir. Mistoqsi jekk kienx hemm skrittura fejn l-għaxart elef lira li rċeviet Dolores Vassallo minn bejgħ ta' proprjeta' li kienet ġejja minn wirt, kienet selfithom lil konvenut filwaqt li kien hemm ftehim li l-konvenut kien ser jagħtiha ħamsa fil-mija tal-imgħaxx fis-sena, huwa sostna li dawn kienu parti mix-xiri. Sostna li Vassallo kellha wirt minn tal-ġenituri tagħha, qasmu u huwa deher għal uħud mill-aħwa. Sostna li Vassallo riedet tħalli l-flus hawn biex tixtri flat u qaltlu biex iżommhom sakemm tixtri flat. Sostna li dawn kienu parti mill-flus tal-appartament li huwa ddepożita lura l-Qorti. Sostna li l-imgħaxx ta' ħamsa fil-mija waqaf meta Vassallo qaltlu biex tixtri l-flat u qaltlu li huma parti mill-flus tal-Qorti. Sostna li dik is-somma ta' Lm10,000 flimkien mal-imgħaxx bil-ħamsa fil-mija huma rrelevanti għal din il-kawża. Mistoqsi dwar l-ammonti li allegatament ngħataw lilu, huwa sostna li hemm imniżżel kollox fir-rendikont li ppreżenta. Insista li huwa dejjem ikkommunika mal-konjuġi Vassallo bit-telefon.

**Dottor Angele Formosa** xehdet li wara li ntemmet il-kawża tal-kriminal hija avvicinat lil Dottor Samuel Azzopardi sabiex tara kif ser jibqa' l-klijent tiegħu. Sostniet li anki l-Qorti avżat lill-parti l-oħra biex jaraw kif ser jistradaw din il-kawża. Spjegat li dan iddeċieda li ried jagħti l-flus lill-konjuġi Vassallo iżda permezz ta' ċedola u f' awk iż-żminijiet qatt ma offra li jagħti l-flus għajr ħlief permezz ta' dik iċ-ċedola.

**Dolores Vassallo** xehdet fil-11 ta' Novembru 2016 fejn spjegat li l-kawża nfetħet fit-18 ta' Ottubru kontra Anthony Attard peress li riedet il-flus lura wara li l-appartament ma kienx ġie mixtri. Spjegt li kienet bagħtet lil konvenut erbgħa u tmenin elf dollari awstraljani mill-Commonwealth Bank. Ikkonfermat li hija fil-mori ta' din il-kawża rċeviet 95,000 dollari Awstraljani mingħand l-avukata tagħha. Irċeviet lura biss li ħallset u mhux il-flus kollha li qed titlob f' din il-kawża. Sostniet li l-konvenut qatt ma taha

spjegazzjoni għalfejn il-kuntratt ma sarx. Spjega li l-konvenut kellu 10,000 minn ta' bejgħ ta' raba u kellu sebat elef minn ta' post ieħor u 84,000 dollari u l-flus ma riedx jagħtihomla lura.

In kontroeżami, hija spjegat li talbet lill-avukata tagħha biex tneħħi l-prokura li kellu l-konvenut. Ikkonfermat li l-konvenut ġie liberat.

In rieżami, hija spjegat li meta ġie t-tifel, il-konvenut kien qallu li l-kuntratt sar u ma kienx talab iktar flus. Spjega li hija qatt ma reġgħet kellmet lil konvenut. Sostniet li minħabba dan l-inkwiet, hija ma tridx tersaq lejn Għawdex.

In kontroeżami ulterjuri, hija qalet li sostniet li ma tafx għalfejn ma sarx il-bejgħ. Mistoqsija jekk tafx li sar konvenju, hija spjegat li kienet ħalliet f' idejn il-konvenut prokura biex jixtri l-appartament f' Marsalforn f' isimhom. Kienet taf li kien hemm bżonn kopja tal-passaport tagħhom. Sostniet li hija ġiet infurmatha minn binha li l-flat ma kienx ġie mixtri u li kien tkeċċa minn hemmhekk. Spjegat li l-konvenut kien ċemplilha mingħand oħtha u qalilha jekk tridx li jixtrilha flat ieħor. Iżda hi kienet irrispondietu li l-flus trid lura. Sostniet li kienet saret laqgħa fejn l-konvneut qal li ser jagħti lura l-flus iżda qatt ma ġew.

In rieżami, hija kkonfermat li meta binha mar ġol-appartament, ħaseb li dieħel ġol-appartament tal-ġenituri tiegħu. Il-konvenut kien tah iċ-ċwievet.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, din il-Qorti tqis li l-konvenut Anthony Attard fix-xhieda mogħtija minnu ta rendikont (kif jaf hu) dwar l-amministrazzjoni tiegħu. Din il-Qorti tqis li iktar minn dak li forna fi stadju iktar kmieni f' din il-kawża, mhux ser ikun jista' jiġi prodott. In fatti, din il-kawża ilha li ġiet ippreżentata mill-2007 u meta fl-aħħar seduti miżmuma xehed il-konvenut, ħafna mid-domandi magħmula ma ġewx risposti għaliex huwa qal li tant għaddew snin li issa ma jiftakarx u li huwa l-istess affidavit li kien ippreżenta aktar kmieni fis-smigħ ta' din il-kawża u kif ukoll ir-rendikont anness miegħu li jikkontjenu l-informazzjoni neċessarja. Din il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel talba.

Dwar it-tieni talba, din il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Mid-dokumenti eżebiti jirriżulta li:

A. Saret skrittura fil-5 ta' April 2005 fejn Dolores Vassallo selfet lil konvenuti s-somma ta' Lm10,076.54ċ bir-rata ta' 5% fis-sena (Dok AF2).

B. Mill-premessi tar-rikors ġuramentat u mir-rendikont eżebit Dok AF 3 mar-rikors ġuramentat u li allegatament ġie miktub kollu mill-konvenut skont ma hemm imniżżel fir-rikors ġuramentat, ġie mniżżel li f' Ġunju 2006, ġew mgħoddija lil konvenut Lm1000 u Lm1440, kif ukoll sussegwentement is-somma ta' Lm80.53ċ. Ġie mniżżel li ġew mgħoddija Lm7,400 oħra fir-rigward tal-post ta' ġewwa u finalment Lm20,300 (ekwivalenti għal 80,028 dollari Awstraljani – ara ukoll dok AF 5 a fol 12). Jirriżulta mid-dokument eżebit mill-konvenut a fol 365 u 367 tal-proċess, li effettivament ġew mgħoddija €20,387.49ċ lil konvenut mill-konjuġi Vassallo.

C. Saret prokura biex il-konvenut ikun jista' jidher għal konjuġi Vassallo biex jakkwista dan l-appartament fi Triq in-Naħla, Marsalforn, fil-11 ta' Settembru 2006 (fol 10 u fol 11).

D. Irriżulta minn Dokument A a fol 362 tal-proċess, li kien sar konvenju bejn Noel Camilleri u Suzanne Zammit ma' Kevin Zammit fil-31 ta' Awwissu 2006 fejn kien ġie miftiehem li l-prezz kumplessiv tal-bejgħ jkun ta' Lm30,000 u li minnhom kienu tħallsu Lm3000 bħala depożitu akkont tal-prezz minn Kevin Zammit u Lm1000 oħra akkont tal-prezz kellhom jiġu mħallsa, jekk il-kompratur ried ikollu dritt jottjeni l-pussess tal-flat mit-3 ta' Settembru 2006. Il-kuntratt finali kellu jsir sa l-aħħar ta' Mejju 2007.

E. Minn dokument eżebit a fol 364 jirriżulta li fit-2 ta' April 2007 saret skrittura ta' ċessjoni bejn Kevin Zammit u Anthony Attard għan-nom ta' Joseph u Maria Dolores Vassallo fejn b' referenza għal konvenju tal-31 ta' Awwissu 2006, Kevin Zammit ċeda lill istess konvenut nomine d-drittijiet tiegħu ta' xiri versu l-prezz ta' Lm1,000. Ġie indikat li l-kuntratt finali kellu jsir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2007.

F. Saret kwerela fit-12 ta' Lulju 2007 hekk kif jirriżulta minn Dok AF 8 (fol 15) fejn ġie allegat li ġew misapproprjati flejjes ammontanti għal Lm40,000.

G. Saret ittra uffiċjali fit-12 ta' Settembru 2007 mir-rikorrenti kontra l-konvenuti fejn ġew interpellati sabiex jirritornaw lura l-bilanċi mgħoddija lilhom u ċioe' fis-somma ta' Lm40,800.87ċ, kif ukoll ħlas ta' spejjeż ammontanti għal Lm1655 relatati mal-vjaġġ li kellhom jagħmlu r-rikorrenti mill-Awstralja għal Malta.

Dawn huma lkoll fatti li jirriżultaw mid-dokumenti eżebiti f' din il-kawża.

Mill-istatement li pprepara l-konvenut u eżebit ma' l-affidavit tiegħu a fol 56, ġie mniżżel li s-somma pretiża mill-atturi kienet €93,773 ekwivalenti għal Lm40,256.75ċ. F' imkien f' dan l-istatement ma jitniżżel kemm kienet l-ammont li effettivament ingħata lil konvenut mill-atturi. Lanqas mix-xhieda mogħtija mill-istess konvenut ma jirriżulta

dan l-ammont. Fl-istess statement a fol 56, hemm imniżżel li tħallsu Lm4000 bħala depożitu konvenju; Lm1000 bħala ħlas fuq iċ-ċessjoni; Lm1717 bħala spejjeż legali u €5100 bħala spejjeż addizzjonali (kalkolu). Il-konvenut fl-ebda ħin, ma ressaq xi *breakdown* jew xi rendikont jew xi rċevuti ta' l-allegati spejjeż legali jew ta' l-ispejjeż addizzjonali u għalhekk din il-Qorti sejra tiskarthom kompletament stante li ma ġewx ippruvati. Sussegwentement fil-mori ta' din il-kawża, ġiet depożitata permezz ta' ċedola ta' depożitu bin-numru 337/2013 s-somma ta' €73,000, li minnhom tnaqqsu €767.26ċ bħala spejjeż u drittijiet tal-proċedura ta' depożitu permezz ta' ċedola. Iċ-ċedola ġiet ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2013. Din il-Qorti tqis li l-ispejjeż ta' din iċ-ċedola għandu jbatihom il-konvenut peress li dawn il-flejjes setgħu faċilment għaddew waqt seduta quddiem din l-istess Qorti jekk il-konvenut tant kien beżgħan u preokkupat li ma għandhux jafda lill-avukata tal-atturi.

In parentesi jingħadd li fix-xhieda tissemma li saret kawża fl-ismijiet Kevin Zammit vs Dottor Angele Formosa nomine mingħajr ma ngħatat ir-riferenza ta' din l-istess kawża. Il-legali tar-rikorrenti kienet iddikjarat fl-20 ta' Ġunju 2018 li sejra tippreżenta kopja tas-sentenza mogħtija f' din il-kawża iżda din baqgħet qatt ma ġiet eżebita. Lanqas qatt ma saret talba sabiex l-atti ta' din il-kawża jiġu allegati ma' l-atti ta' din il-kawża odjerna. Kien jinkombi fuq l-atturi sabiex jekk kellhom l-interess li jressqu provi tramite din il-kawża li ssemmiet, jfornu minn ta' l-inqas lil din il-Qorti bid-dettalji tar-referenza ta' l-istess kawża. Din il-Qorti kulma għandha quddiemha huwa kopja ta' risposta ġuramentata ta' Dr Angele Formosa noe ppreżentata f' kawża fl-ismijiet Kevin Zammit vs Dr Angele Formosa bin-numru 69/2007, liema kopja ġiet ippreżentata fl-atti tal-proċeduri kriminali meħuda kontra l-konvenut. Din il-Qorti tqis li mhijiex qiegħda hawn biex tibda *fishing expedition* u toqgħod tivverifika liema kienet tali kawża u tikkunsidraha bħala xi tip ta' prova, u dana minkejja li din il-kawża jista' jkun li kienet att li ġie ppreżentat u deċiż minn din il-Qorti nfisha hekk kif diversament ippreseduta. Dana iktar u iktar meta din il-kawża kienet bejn persuni li ma humiex parti f' din il-kawża odjerna. Jerġa' jingħad li kien semmai l-obbligu tar-rikorrenti li jekk riedet li xi xhieda, xi prova jew xi parti minn dik il-kawża tiġi a konjizzjoni ta' din il-Qorti u tiġi kkunsidrata bħala prova f' din il-kawża odjerna, tagħmel talba għall-allegazzjoni ta' l-istess kawża.

Din il-Qorti tqis li mid-dokumenti eżebiti u mix-xhieda mogħtija, jirriżulta li l-ammont pretiż mir-rikorrenti u li ġie mgħoddi lil konvenut kien fis-somma ta' Lm40,297.07ċ (Lm40,800.87ċ – Lm503.80ċ (imgħaxx li ddekorra minn April 2005 sa April 2006). Dan l-ammont ġie ndikat f' Dok AF3 fol 9 li eżebew l-atturi u li allegatament inkiteb mill-konvenut. Fil-kwerela eżebita a fol 15, ġie allegat li l-konvenut miżapproprja Lm40,000 mentri fl-ittra uffiċjali, intalab il-ħlas ta' Lm40,800.87ċ. Fl-istatement eżebit a fol 56 mill-konvenut, huwa sostna li somma pretiża mill-atturi hija €93,773 ammontanti għal Lm40,256.75ċ. Il-Qorti tqis li xħin wiżnet id-dokumenti kollha u x-xhieda mogħtija, hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw li għaddew lil konvenut is-somma

ta' Lm40,297.07ċ. In fatti, skont l-istess rikorrenti u l-konvenut, kien għad fadal li jiġi mgħoddi ħlas ieħor lil konvenut sabiex il-kuntratt ikun jista' jiġi finalizzat għal prezz ta' Lm42,000.

F' parentesi ieħor, din il-Qorti tqis li minn qari tal-konvenju, il-prezz tal-bejgħ kellu jkun dak ta' Lm30,000 mentri skont ir-rikorrenti, fir-rikors ġuramentat tagħhom ġie premess li l-prezz kellu jkun dak ta' Lm42,000. Madanakollu, hija mhijiex ser tidħol f' din il-kwistjoni peress li f' dan il-każ it-talba hija sabiex jiġi mradd lura l-bilanċ kollu li ngħata lil konvenut bl-imgħaxxijiet dekorribbli mid-data li ġew trasferiti lilu bir-rata ta' tmienja fil-mija.

Din il-Qorti tqis li l-konvenut irnexxielu jikkonvinċi lil din il-Qorti li huwa ħallas id-depożitu ta' Lm4000 u ċ-ċessjoni ta' Lm1000. Li kieku ma tħallsux dawn, il-ftehim ta' April 2007 bejn Zammit u l-konvenut għan-nom tal-konjuġi Vassallo ma kienx iseħħ. Il-Qorti tqis ukoll li m' hemmx qbil dwar meta l-konvenut ġie nterpellat biex jirritorna lura l-flejjes mogħtija lilu mill-atturi. Il-konvenut baqa' jinsisti li huwa dejjem kien lest li jirritorna l-flus iżda Dolores Vassallo kienet qaltlu sabiex ikompli bil-proċedura l-Qorti biex tkun tista' tixtri l-appartament. Min-naħa l-oħra Vassallo sostniet li hija dejjem talbitu lura l-flus.

Din il-Qorti tqis li wara li ntbagħtet lilu l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Settembru 2007, liema ittra uffiċjali l-konvenut ammetta li rċieva meta mistoqsi in kontroeżami, kien ferm ċar li jekk Vassallo qabel xtaqu li jkomplu bil-proċeduri fil-qorti biex jakkwistaw dan l-appartament, issa permezz ta' din l-ittra, kienu biddlu fehmthom u riedu flushom lura. Għalhekk, din il-Qorti tqis li semmai wara li ġie notifikat b' din l-ittra, il-konvenut kien messu rritorna almenu dawk il-flus li kienu għadhom fil-pussess tiegħu. Il-konvenut argumenta li kienet infetħet kawża biex il-kuntratt finali jsir iżda dan la semma x' kawża hi u lanqas x' kien l-eżitu tagħha, minkejja li fir-risposta ġuramentata tiegħu, huwa wkoll semma li hemm kawża pendenti dwar dan il-konvenju mingħajr ma ta l-ebda dettalji dwar l-isem u n-numru ta' referenza ta' din il-kawża.

Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-konvenut sa minn Settembru 2007, kellu l-obbligu li jirritorna lura l-flejjes li kienu fil-pussess tiegħu lil konjuġi Vassallo u dana nonostante kwalunkwe prokura li kellu, kwalunkwe proċedura kriminali li kienet ittieħdet u kwalunkwe proċedura ċivili li kien hemm pendenti. Huwa seta' faċilment jgħaddi l-flejjes mingħajr l-ebda preġudizzju għad-drittijiet tiegħu tramite l-legali ta' fiduċja tiegħu, anke direttament lil konjuġi Vassallo, jekk ma kellux fiduċja fl-avukat tal-konjuġi Vassallo. Din il-Qorti tqis li mill-ammonti li kellhom jiġu ritornati, il-konvenut għandu jirritorna Lm40,297.07ċ li minnhom għandhom jiġu mnaqqsa Lm1000 (ċessjoni) u Lm4000(konvenju). Kif ġia ngħadd, din il-Qorti hija sodisfatta li dawn l-ammonti ġew mgħoddija lil Kevin Zammit u dana sabiex il-konvenut ikun jista' jeżegwixxi dak li talbu

l-konjuġi Vassallo ossija li jakkwistaw dan l-appartament. Għalhekk, l-ammont li kellu jiġi ritornat f' Settembru 2007 kien Lm35,297.07ċ.

Minn wara li ġie notifikat bl-ittra uffiċjali f' Settembru 2007 sakemm saret iċ-ċedola ta' depożitu, beda għaddej imgħaxx bir-rata ta' 8% fis-sena biex b' hekk sa l-14 ta' Novembru 2013 (id-data tal-preżentata taċ-ċedola tad-depożitu) kien ġia' ddekorra imgħaxx fl-ammont ta' Lm17,413.22ċ.

Jingħadd ukoll li permezz taċ-ċedola, ġew ippreżentati biss €73,000 ekwivalenti għal Lm31,338.90ċ u għalhekk fuq id-differenza ossija dik ta' Lm3,958.17ċ (Lm35,297.07ċ - Lm31,338.90ċ) baqa' xorta waħda għaddej l-imgħaxx bl-ogħla rata permissibbli mil-liġi.

Għandu jitqies li ma' dan l-ammont għandu jiżdied l-imgħaxx li ddekorra fuq Lm10,076.54ċ bir-rata ta' 5% fis-sena sakemm saret l-ittra uffiċjali fejn per konsewgenza tagħha, ġialadarba l-konvenut baqa' inadempjenti, bdew jiddekorru imgħaxxijiet bir-rata ta' 8% skont il-liġi. In fatti, minn Dok AF3, ġie mniżżel li f' April 2005 il-konvenut kien ingħata Lm10,076.54ċ u sena wara kienu telgħu interessi b' 5% ta' Lm503.80ċ (imgħaxx ta' sena). Il-konvenut fix-xhieda tiegħu nsista li l-imgħaxx ma baqax għaddej peress li mbagħad ir-rikorrenti kienu qalulu sabiex jutilizża dawk il-flus biex jixtri post hawn f' Għawdex. L-attriċi semmiet fix-xhieda tagħha li kienet ħalliet din is-somma f' idejn il-konvenut u li kien ser jagħtiha 5% imgħaxx fis-sena. Fir-rikors ġuramentat tagħhom, ir-rikorrenti sostnew li fis-sajf ta' l-2006 talbu l-flus lura (ċioe' Lm10,076.54ċ) lil konvenut iżda dan ma kienx għaddihulhom u għalhekk imbagħad kienu għamlu ħsieb li jakkwistaw post filwaqt li jużaw dawn il-flus flimkien ma' Lm1000, Lm1400 u Lm80.53ċ li ġew ilkoll mgħoddija lill-konvenut biex jiġu depożitati l-bank flimkien mal-flus l-oħra (ċioe' Lm10,076.54ċ) sabiex jinxtara immobbli f' Għawdex f' isimhom. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-konvenut peress li ma ġietx ippreżentata xi prova li l-ftehim tal-5 ta' April 2005 ġie b' xi mod jew ieħor revokat jew it-termini ġew mibdula. Ma rriżultax lanqas li l-konvenut kien ħallas lura din is-somma ta' Lm10,076.54ċ lir-rikorrenti jew li almenu kien ħareġ din is-somma bħala bilanċ ta' ħlas fuq l-appartament li kien ser jinxtara.

Jidher għalhekk li dan l-ammont misluf baqa' għand il-konvenut. Fil-premessi tar-rikors ġuramentat ġie mniżżel li kien fis-sajf 2006 li ntalab is-somma lura ta' Lm10,076.54ċ. Il-Qorti tqis li sakemm saret l-interpellazzjoni uffiċjali permezz ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-12 ta' Settembru 2007, l-imgħaxx ta' 5% kien għadu qed jiddekorri fuq dan l-ammont, sakemm imbagħad ġialadarba li dan baqa' inadempjenti l-imgħaxx bl-ogħla rata permissibbli fil-liġi beda japplika fuq dan l-ammont ukoll. Għalhekk, l-imgħaxx fuq Lm10,076.54ċ sa Settembru 2007 kien jammonta għal Lm1,217.55ċ. Imbagħad minn wara li saret din l-ittra uffiċjali f' Settembru 2007, l-imgħaxx beda għaddej bl-ogħla rata fil-liġi, hekk kif ġia' ġie kalkolat sad-data tal-preżentata taċ-ċedola ta' depożitu mill-konvenut iktar 'il fuq f' din is-sentenza.

Għalhekk, meta f' Settembru 2007 saret l-interpellazzjoni uffiċjali biex jiġu ritronati lura l-flejjes kollha lir-rikorrenti, kien ġia' ddekorra imgħaxx ta' Lm1,217.55ċ fuq Lm10,076.54ċ mislufa.

Per konsegwenza, din il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba tal-atturi b' dana li sejra tordna lill-konvenut iħallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' Lm53,927.84ċ ekwivalenti għal €125,618.08ċ, liema somma tkopri l-imgħaxx ta' Lm1,217.55ċ li għadda fuq is-somma mislufa bir-rata ta' 5% fis-sena sa Settembru 2007; l-ammont ta' Lm35,297.07ċ u l-imgħaxx bir-rata ta' 8% li ddekorra fuq Lm35,297.07ċ sad-data tal-preżentata taċ-ċedola ta' depożitu. Ma' dan l-ammont għad fadal jiżdied ukoll l-imgħaxx dekorribbli bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-preżentata taċ-ċedola ta' depożitu sa l-għoti ta' din is-sentenza fuq is-somma li baqgħet ma ġietx depożitata fiċ-ċedola, ossija s-somma ta' Lm3,958.17ċ. L-imgħaxx li ddekorra sd-data ta' din is-sentenza mill-preżentata taċ-ċedola ta' depożitu fuq Lm3,958.17ċ jammonta għal Lm2,216.58ċ ekwivalenti għal €5,163.24ċ. Ġialdarba, ir-rikorrenti mingħajr preġudizzju ħadu s-somma ta' €72,232.74ċ li kienu depożitati, din is-somma għandha tiġi mnaqqsa biex b' hekk dak li sejjer jiġi ordnat li jħallas il-konvenut huwa fl-ammont ta' €58,548.58ċ flimkien ma' kwalunkwe imgħaxxijiet oħra bl-ogħla rata skont il-liġi li jibqgħu għaddejjin sad-data ta' l-effettiv pagament.

Dwar it-tielet u r-raba' talba, din il-Qorti tikkunsidra li dwar it-tielet talba ma tressqux provi da parti tar-rikorrenti sabiex jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom li kien tort tal-konvenuti li ma sarx il-kuntratt sa l-aħħar ta' Mejju 2006. Lanqas ma tressqu xi provi ta' l-allegati danni li ġew ikkaġunati lir-rikorrenti. L-oneru li jipprova dawn it-talbiet kien fuq ir-rikorrenti u għaldaqstant, din il-Qorti ma għandha l-ebda triq oħra għajr li tiċħad kemm it-tielet u r-raba' talba.

Dwar il-ħames talba, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tordna li l-ispejjeż kollha relattivi għal din il-kawża għandhom jiġu sopportati billi l-atturi jħallsu l-ispejjeż relattivi mat-tielet u mar-raba' talba tagħhom, mentri l-konvenut iħallas l-ispejjeż relattivi ma' l-ewwel, it-tieni, u t-tielet talba attriċi kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-ittra uffiċjali 129/2007 u tal-mandat ta' sekwestru 152/2007 PC.

**Decide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut; tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba attriċi; tilqa' t-tieni talba attriċi fis-sens li tordna lil konvneut iħallas is-somma ta' tmienja u ħamsin elf, ħames mija u tmienja u erbgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmi ta' ewro (€58,548.58ċ) flimkien ma' kwalunkwe imgħaxxijiet oħra bl-ogħla rata skont il-liġi li jibqgħu għaddejjin**

**fuq is-sorte mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament; filwaqt li qed tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet attriċi.**

**Tordna li l-ispejjeż kollha relattivi għal din il-kawża għandhom jiġu sopportati billi l-atturi jħallsu l-ispejjeż relattivi mat-tielet u mar-raba' talba tagħhom, mentri l-konvenut iħallas l-ispejjeż relattivi ma' l-ewwel, it-tieni, u t-tielet talba attriċi kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-ittra uffiċjali 129/2007 u tal-mandat ta' sekwestru 152/2007 PC.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

12.01.2021 – Sup118.2007 – Vassallo Joseph et vs Attard Anthony et
5573